# IL-PROĠETT

**Bħala parti integrali mill-assessjar kontinwu fis-Sitt Sena tal-Primarja**

## A: IL-PROĠETT – linji gwida

1. Għandu jsir proġett wieħed, individwali minn kull student/a.

2. Il-proġett għandu jitlesta u jiġi assessjat mill-għalliema.

3. Jistgħu jsiru INTERVISTI, DJARJI, REĊTI, RAPPORTI u PREŻENTAZZJONIJIET *POWERPOINT*. Il-preżentazzjonijiet *PowerPoint* għandhom jinħadmu f'mhux inqas minn 12-il *slide* u mhux iktar minn 30 *slide*. Wieħed għandu jifhem l-importanza ta' *captions* rilevanti, effettivi u f'posthom.

4. Il-proġett kollu m'għandux ikollu iktar minn 25 paġna, li jinkludu r-ritratti, l-illustrazzjonijiet (*diagrams*) u l-kitba. In-numru ta' kliem, inklużi t-titli u l-*captions*, għandu jkun bejn 300 u 450 kelma.

5. Ma jitnaqqsux marki jekk il-proġett ma jkunx ittajpjat/ipprintjat, basta l-kitba tkun pulita u tingħaraf sew. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-preżentazzjoni (introduzzjoni, temi prinċipali, konklużjoni) tal-proġett.

6. F'xi proġetti, dejjem jekk dan ikun jixraq u rilevanti, tista' tintuża għodda elettronika interattiva. L-iżvilupp ta' dawn il-ħiliet tajjeb li jiġu inkuraġġiti.

7. Filwaqt li għandu jsir kull sforz possibbli biex l-istudenti kollha jaħdmu proġett individwali skont il-kriterji stabbiliti, nifhmu li dan mhux dejjem ikun possibbli. Fil-każ ta' studenti bi ħtiġijiet partikolari fit-tagħlim, hija fid-diskrezzjoni tal-għalliem u l-LSEs li jaraw li jaħdem proġett fil-livell/i tiegħu.

8. Il-proġett jista' jinħadem bil-lingwa Ingliża imma t-titlu għandu jidher fl-oriġinal tiegħu bil-lingwa Maltija.

9. It-titlu tal-proġett kif ukoll id-deskrizzjoni sħiħa tiegħu għandhom jidhru b'mod prominenti fil-bidu ta' kull proġett.

## B (i): IL-PROĠETTI GĦAS-SITT SENA PRIMARJA
## SENA A - Sena Skolastika 2024/2025

(N.B. *It-titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett.*)

1. **Is-Simboli Nazzjonali huma Wirt ta' min jibża' għalih** – Agħmel riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar is-simboli nazzjonali b'referenza kemm għal simboli nazzjonali Maltin kif ukoll għal simboli nazzjonali ta' pajjiżi barranin. Inkludi ritratti jew stampi tas-simboli magħżula. Għid għaliex is-simboli nazzjonali huma importanti.

2. **Kulturi Differenti Madwarna** – Identifika familja li tgħix fil-komunità tiegħek li għandha kultura differenti minn tiegħek. Agħmel riċerka dwar il-kultura tagħhom billi tistaqsi lilhom stess u/jew tuża l-Internet. Aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* bl-informazzjoni li tkun ġbart. Jekk trid tista' ssemmi x'hemm differenti jew komuni bejn il-kultura tiegħek u l-kultura tagħhom. Tista' wkoll tagħmel referenza għal stejjer u każi li jirrakkuntawlek huma stess (N.B. Dejjem ħu l-permess tagħhom qabel tippreżenta xi storja personali).

3. **Pajjiż Mediterranju li jissemma ħafna fl-Aħbarijiet** – Agħmel riċerka ħafifa u aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar dan il-pajjiż. Ikteb dwar il-bliet prinċipali tiegħu, il-popolazzjoni, xi simboli nazzjonali li għandu u l-kultura. Semmi għaliex jissemma ħafna fl-aħbarijiet u għid x'inhuma l-konsegwenzi (tajbin jew ħżiena) ta' dak li qiegħed jiġri fil-pajjiż. Uża mapep u stampi biex tispjega aħjar ix-xogħol tiegħek.

4. **Qabbel pajjiż li jmiss mal-Mediterran mal-Gżejjer Maltin** – Agħmel riċerka dwar pajjiż li jmiss mal-Baħar Mediterran, imbagħad aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* biex tqabblu ma' Malta. Ipprova sib affarijiet li huma l-istess kif ukoll affarijiet differenti. Tista' fost l-oħrajn tqabbel il-klima, il-mappa, id-daqs, il-popolazzjoni, xi simboli nazzjonali, l-ilbies, id-drawwiet u l-isport favorit tan-nies taż-żewġ pajjiżi.

5. **Ippjana *cruise* madwar il-Baħar Mediterran** – Immaġina li inti gwida tat-turisti li se tieħu grupp ta' studenti tal-primarja għal *cruise* fil-Mediterran. F'dan il-*cruise* se żżuru mill-inqas 3 pajjiżi u 3 gżejjer. Fassal fuljett li jinkludi dawn id-dettalji: (a) f'liema portijiet se jsiru l-waqfiet, (b) x'postijiet se żżuru fil-waqfiet (b'informazzjoni qasira dwar l-attrazzjonijiet), (ċ) mappa li tindika r-rotta li se jieħu l-*cruise*.

6. **Il-Gżejjer Ewlenin tal-Baħar Mediterran** – Fittex dwar il-gżejjer prinċipali tal-Baħar Mediterran sabiex taħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar erba' (4) minn dawn il-gżejjer (tagħżilx il-Gżejjer Maltin). Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta' ritratti u stampi relevanti. Inkludi mappa tal-Mediterran li turi fejn jinsabu l-erba' gżejjer li tkun għażilt.

7. **Il-Pajjiż Mediterranju Favorit Tiegħi** – Liema hu l-pajjiż Mediterranju favorit tiegħek? Agħmel riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* fuq dan il-pajjiż. Inkludi mappa tal-pajjiż kif ukoll mappa tal-Mediterran li turi fejn jinsab dal-pajjiż. Tista' tikteb dwar il-bliet ewlenin, il-popolazzjoni, is-simboli nazzjonali, il-ġeografija, il-klima u l-kultura tal-pajjiż. Għid għaliex jogħġbok daqshekk dal-pajjiż Mediterranju.

8. **Qabbel l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni ma' Tempju Megalitiku** – Agħmel riċerka dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni u tempju megalitiku li jinsab fil-Gżejjer Maltin. Aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* biex tqabbel l-Ipoġew mat-tempju li tkun għażilt. Agħti informazzjoni qasira dwar iż-żewġ siti u semmi x'hemm differenti jew komuni bejn iż-żewġ siti. Fil-proġett inkludi ritratti u/jew stampi biex issebbaħ ix-xogħol tiegħek.

9. **Reċta ta' Żmien il-Preistorja** – Ikteb reċta li fiha tlett itfal tal-istess età tiegħek li kienu jgħixu fi Żmien il-Preistorja jitkellmu dwar il-ħajja tagħhom ta' kuljum. Tista' tikteb dwar x'kien iferraħhom, il-logħob li kienu jilgħabu, id-dmirijiet tagħhom u d-diffikultajiet li kienu jsibu f'ħajjithom.

10. **Il-Preistorja Maltija** – Agħmel riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar il-Preistorja Maltija. Għid xi tfisser il-kelma 'Preistorja' u uri f'liema żminijiet tinqasam il-Preistorja Maltija. Semmi l-fdalijiet preistoriċi ewlenin li għandna fil-Gżejjer Maltin u uri fuq mappa fejn jinsabu. Għid għaliex għandna nibżgħu għall-fdalijiet preistoriċi li għandna.

11. **L-Assedju l-Kbir tal-1565 u Jien.** Immaġina li inti tifel jew tifla li kont tgħix fl-1565 waqt l-Assedju l-Kbir. Ikteb storja b'mod kreattiv dwar il-ħajja immaġinarji tiegħek billi tirrispondi mistoqsijiet bħal dawn u oħrajn: Fejn kont toqgħod u ma' min? X'kont tiekol u tilbes? X'kont tagħmel waqt l-attakki tal-għadu ? Fejn kont tistaħba? Kellek xi qraba involuti fil-ġlied? Kont tibza? X'ħassejt meta l-ġellieda Ottomani ħarbu bla ma rebħu l-gżejjer Maltin? Żejjen dawn il-kitbiet bi tpinġijiet jew stampi.

**12. Aspetti tat-Tieni Gwerra Dinjija fil-Gżejjer Maltin.** Oħloq preżentazzjoni bil-*PowerPoint* dwar żmien it-Tieni Gwerra Dinjija fil-Gżejjer Maltin. Għażel mill-anqas ħames aspetti tal-gwerra minn dawn li ġejjin u elabora fuqhom: a) l-*air raids* u d-daqq tas-sirena, b) il-ħajja fix-*shelters*, c) xita ta' bombi fuq Malta, d) djar imwaqqa' u nies mejta jew midruba, e) jiġġarraf it-Teatru Rjal, f) l-għaks u l-ġuħ, g) il-*black market*, h) il-*Victory Kitchens*, i) ajruplani tal-ġlied Ingliżi, Taljani u Ġermaniżi, j) il-*George Cross*. Sebbaħ il-proġett bi stampi, ritratti, tpinġijiet u/jew illustrazzjonijiet.

**13. Monumenti fil-Belt Valletta.** Għażel mill-anqas ħamsa minn dawn il-monumenti li ġejjin li kollha jinstabu fil-belt kapitali Valletta. Għamel ftit tar-riċerka u oħloq proġett dwarhom. Inkludi kemm kitba kif ukoll disinji, mapep, stampi jew ritratti. Għażel minn dawn il-monumenti: a) il-monument tal-Assedju, b) il-monument ta' Dun Mikiel Xerri, c) il-monument tal-Gran Mastru de Vallette, d) il-Monument tas-Sette Giugno, e) il-Monument tar-Regina Vittorja, f) il-monument ta' Sir Alexander Ball, g) il-monument ta' Enrico Mizzi, g) il-Monument ta' Manwel Dimech u h) Il-monument ta' Ġlormu Cassar u Francesco Lapparelli.

**14. Persunaġġi Marbutin mal-Belt Valletta**. Fittex tagħrif dwar dawn il-personaġġi li ġejjin li kollha għandhom konnessjoni mal-Belt Valletta. Oħloq proġett dwarhom biex tgħid min kienu u x'parti kellhom fil ħolqien tal-belt kapitali tagħna. Inkludi tpinġijiet, stampi, disinji jew ritratti biex il-proġett tiegħek ikun isbaħ u komplut. Il-persunaġġi huma: Il-Gran Mastru de Valette, il-periti Francesco Lapparelli, Ġlormu Cassar u Renzo Piano u l-pitturi Michelangelo Merisi da Caravaggio u Mattia Preti.

## B (ii): IL-PROĠETTI GĦAS-SITT SENA PRIMARJA
## SENA B – Sena Skolastika 2025/2026

(N.B. *It-titlu flimkien mad-deskrizzjoni tat-titlu għandhom jidhru fil-bidu tal-proġett.*)

1. **Il-Komunikazzjoni Virtwali u l-Komunikazzjoni Reali** – Ikteb komponiment biex turi kemm huwa importanti li f'ħajjitna nilħqu bilanċ bejn il-komunikazzjoni virtwali (*emails*, SMSs, *chatting*, eċċ...) u l-komunikazzjoni reali (ħin mal-ħbieb fi gruppi, attivitajiet fl-għaqdiet, ħin mal-familja, eċċ...). Għid għaliex it-tnejn huma importanti.

2. **Intervista ma' Emigrant Malti** – Agħmel intervista ma' emigrant (mara jew raġel) li llum jgħix f'xi pajjiż barrani. L-emigrant jista' jkun ħabib jew xi ħadd tal-familja. Staqsih, kemm ilu jgħix barra u għaliex ħalla art twelidu; staqsih dwar il-pajjiż fejn jgħix u xi drawwiet differenti kellu jidra hemmhekk; jekk jiġix Malta sikwit u x'jaħseb fuq Malta tal-lum. Fl-aħħar stiednu biex jgħaddi messaġġ lill-Maltin u lill-Għawdxin kollha.

3. **Il-Kontinenti u l-Oċeani** – Agħmel riċerka biex taħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar is-sitt kontinenti u l-ħames oċeani li jeżistu fid-dinja. Inkludi mappa li turi fejn jinsabu u agħti informazzjoni ħafifa (forma ta' punti) dwar kull kontinent u kull oċean. Ikteb f'iktar dettal dwar **wieħed** mill-kontinenti u **wieħed** mill-oċeani.

4. **Il-Baħar Mediterran** – Fittex dwar il-problemi li qed jiffaċċja l-Baħar Mediterran illum u aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* biex turi kif nistgħu nieħdu ħsiebu. Għid għaliex il-Baħar Mediterran, minkejja ċ-ċokon tiegħu, jibqa' importanti ħafna u għalhekk jeħtieġ li nibżgħu għalih.

5. **Il-Fetħiet Prinċipali li jagħtu għall-Baħar Mediterran** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar it-tliet fetħiet prinċipali li minnhom tista' tidħol jew toħroġ mill-Baħar Mediterran. Uri fuq mappa fejn tinsab kull fetħa u għid jekk kull fetħa hijiex naturali jew jekk saritx mill-bniedem.

6. **L-Esperjenza Tiegħi f'Pajjiż li Jmiss mal-Mediterran** – Aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar xi safra li għamilt f'xi pajjiż tal-Mediterran. Semmi l-postijiet li żort, l-attivitajiet li għamilt, x'tgħallimt u x'laqtek l-iktar. Inkludi ritratti biex issebbaħ ix-xogħol tiegħek.

7. **Kitba ta' Rapport: Żjara f'Ħaġar Qim u l-Imnajdra** – Żur il-*Park* Arkeoloġiku ta' Ħaġar Qim u l-Imnajdra u ikteb rapport dwar l-importanza ta' dawn it-tempji. Semmi x'sar u x'inhu jsir biex it-tempji jkunu protetti mill-elementi. Sebbaħ ix-xogħol tiegħek permezz ta' ritratti li tkun ħadt waqt iż-żjara.

8. **L-Ipoġew ta' Ħal Saflieni: Wirt Dinji tal-Umanità** – Agħmel riċerka u aħdem proġett jew preżentazzjoni *PowerPoint* dwar l-Ipoġew ta' Ħal Saflieni biex turi l-importanza tiegħu. Uri għaliex il-UNESCO għażlitu bħala *World Heritage Site.*

9. **Djarju tal-Assedju l-Kbir** – Immaġina li inti tifel jew tifla li kont tgħix l-Imdina fi żmien l-Assedju l-Kbir tal-1565 u kont iddeċidejt li żżomm **djarju** tal-ġrajjiet tal-assedju. Ikteb (f'forma ta' djarju) dwar l-informazzjoni li kienet qed tasal fl-Imdina, il-beżgħat u d-diffikultajiet li kont qed tħabbat wiċċek magħhom u l-ferħ li ħassejt meta t-Torok telqu lura lejn pajjiżhom.

10. **Il-Vittmi tat-Tieni Gwerra fil-Lokal Tiegħi** – Sib il-lapida li tfakkar in-nies mil-lokal tiegħek li mietu fit-Tieni Gwerra Dinjija u ikteb dwar x'uħud minnhom. Tista' tikseb informazzjoni dwarhom mill-Kunsill Lokali, mill-kunsill parrokkjali, mingħand xi anzjani tal-lokal tiegħek jew mingħand familjari tal-vittmi li għadhom ħajjin. Semmi min kienu, meta mietu, kemm kellhom żmien u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-mewt tagħhom.

## C (i): PROJECT ASSESSMENT CRITERIA

| Marks | Quality of work |
|---|---|
| 17 – 20 | **Excellent:** evidence* is clear, varied and relevant; presentation* is well structured. |
| 13 – 16 | **Very Good**: evidence is sufficient and relevant; presentation is stuctured. |
| 9 – 12 | **Good**: evidence lacks detail but still relevant; all the main points are mentioned; presentation is fairly structured. |
| 5 – 8 | **Fair**: evidence is limited yet relevant; some main points are missing; presentation is poor. |
| 0 – 4 | **Poor:** evidence is very limited and most of it is not relevant; presentation has no structure. |

**Evidence includes photographs, pictures, drawings, diagrams and information.*
***Presentation implies the introduction to the project, the main items and the conclusion.*

## C (ii) KRITERJI GĦALL-ASSESSJAR TAL-PROĠETT

| Marki | Kwalità tax-xogħol |
|---|---|
| 17 – 20 | **Eċċellenti**: l-evidenza***** hija ċara, varjata u relevanti; il-preżentazzjoni****** hija tajba ħafna. |
| 13 – 16 | **Tajjeb ħafna**: l-evidenza hija suffiċjenti u rilevanti; il-preżentazzjoni hija tajba. |
| 9 – 12 | **Tajjeb**: l-evidenza hija rilevanti għalkemm nieqsa mid-dettall; il-punti prinċipali huma msemmija kollha; il-preżentazzjoni mhijiex tajba biżżejjed. |
| 5 – 8 | **Mhux ħażin**: l-evidenza hija limitata għalkemm xorta rilevanti; xi punti prinċipali huma nieqsa; il-preżentazzjoni hija fqira. |
| 0 – 4 | **Fqir:** l-evidenza hija limitata ħafna u ftit li xejn rilevanti; il-preżentazzjoni ma fiha ebda struttura. |

******L-evidenza tinkludi ritratti, stampi, tpinġija, illustrazzjonijiet u informazzjoni.*
*******Bi preżentazzjoni nifhmu l-introduzzjoni, it-temi prinċipali u l-konklużjoni tal-proġett.*

Tony Pace
Ex-Uffiċjal Edukattiv Primarja

Anthony Farrugia
Uffiċjal Edukattiv Primarja